

DIRETTIVA (UE) 2015/720 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tad-29 ta' April 2015****li temenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE ⁽⁴⁾ ġiet adottata sabiex tipprevjeni jew tnaqqas l-impatt tal-imballaġ u l-iskart mill-imballaġ fuq l-ambjent. Għalkemm il-basktijiet tal-plastik jikkostitwixxu mballaġ fi ħdan it-tifsira ta' dik id-Direttiva, ma fihix miżuri speċifiċi dwar il-konsum ta' dawn il-basktijiet.
- (2) Il-livelli tal-konsum attwali tal-basktijiet tal-plastik jirriżulta flivelli għoljin ta' skart u użu ineffiċjenti tar-riżorsi u huma mistennija jiżiedu jekk ma hija se tittieħed l-ebda azzjoni. L-iskart tal-basktijiet tal-plastik iwassal għall-kontanimazzjoni ambjentali u jżid il-problema globali ta' skart f'korpi tal-ilma, b'theddida għall-ekosistemi akwatiċi madwar id-dinja kollha.
- (3) Barra minn hekk, l-akkumulazzjoni ta' basktijiet tal-plastik fl-ambjent għandha impatt negattiv ċar fuq ċerti attivitajiet ekonomiċi.
- (4) Basktijiet tal-plastik ta' ħxuna inqas minn 50 mikroni ("basktijiet tal-plastik ħfief"), li jirrapreżentaw il-maġġoranza vasta tal-għadd totali tal-basktijiet tal-plastik kkunsmati fl-Unjoni, jergħu jintużaw inqas minn basktijiet tal-plastik eħxen. Konsegwentement, il-basktijiet tal-plastik ħfief jispiċċaw skart iktar malajr u huma iktar suxxettibbli li jintremew minħabba li huma ħfief.
- (5) Ir-rati ta' riċiklaġġ attwali tal-basktijiet tal-plastik ħfief huma baxxi ħafna u, minħabba għadd ta' diffikultajiet prattiċi u ekonomiċi, iktarx ma jilhqax livelli sinifikanti fil-futur qarib.
- (6) Skont il-ġerarkija tal-iskart, il-prevenzjoni għandha tiġi l-ewwel. Il-basktijiet tal-plastik iservu għal bosta skopijiet u se jibqgħu jiġu kkunsmati fil-futur. Sabiex ikun żgurat li l-basktijiet tal-plastik użati ma jispiċċawx bħala skart fl-ambjent, għandhom jittieħdu miżuri adegwati u l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati dwar mod xieraq ta' trattament tal-iskart.
- (7) Il-livelli tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik iwarjaw b'mod konsiderevoli madwar l-Unjoni minħabba differenzi fl-abitudni tal-konsum, is-sensibilizzazzjoni ambjentali, u l-effettività tal-miżuri tal-politika li jittieħdu mill-Istati Membri. Xi Stati Membri rnexxielhom inaqqsu l-livelli tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik b'mod sinifikanti, tant li l-livell medju tal-konsum fis-seba' Stati Membri bl-aħjar prestazzjoni jammonta għal 20 % biss tal-konsum medju tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 214, 8.7.2014, p. 40.⁽²⁾ ĠU C 174, 7.6.2014, p. 43.⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-2 ta' Marzu 2015 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2015 (għadha mhijiex ippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali).⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠUL 365, 31.12.1994, p. 10).

- (8) Id-disponibbiltà u l-preċiżjoni tad-data dwar il-livelli attwali tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief ivarjaw bejn l-Istati Membri. Data preċiża u komparabbli dwar il-konsum hija importanti biex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri tat-tnaqqis u biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni. Għalhekk, għandha tiġi żviluppata metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-konsum annwali tal-basktijiet tal-plastik ħfief kull persuna bil-għan li jkun immonitorjat il-progress fit-tnaqqis tal-konsum ta' tali basktijiet.
- (9) Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-konsumatur uriet li għandha rwol deċiżiv fil-ksib tal-miri fir-rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief. Għalhekk, sforzi fil-livell istituzzjonali huma meħtieġa biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt ambjentali tal-basktijiet tal-plastik u biex tintemm il-perċezzjoni attwali tal-plastik li ma jagħmilx ħsara u li hu irħis.
- (10) Sabiex jipromwovu tnaqqis sostanzjat tal-livell medju tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex inaqsu b'mod sinifikanti l-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief f'konformità mal-għanijiet ġenerali tal-politika tal-Unjoni dwar l-iskart u l-ġerarkija tal-iskart kif provdut fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Tali miżuri ta' tnaqqis għandhom iqisu l-livelli tal-konsum attwali tal-basktijiet tal-plastik fl-Istati Membri individwali, fejn livelli ogħla jirrikjedu sforzi iktar ambizzjużi, u jqsu it-tnaqqis li diġà nkiseb. Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fit-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, hu neċessarju li l-awtoritajiet nazzjonali jipprovdu data dwar il-konsum tagħhom skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 94/62/KE.
- (11) Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri jistgħu jinvolvu l-użu ta' strumenti ekonomiċi bħall-ipprezzar, it-taxxi u l-imposti, li taw prova li huma partikolarment effettivi fit-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik, u r-restrizzjonijiet kummerċjali bħal projbizzjonijiet b'deroga tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 94/62/KE dment li dawn ir-restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji.
- (12) Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw, skont l-impatt ambjentali tal-basktijiet tal-plastik ħfief meta dawn jiġu rkuprati jew mormija, il-proprjetajiet ta' riċiklaġġ u kompostjar tagħhom, it-tul ta' żmien tagħhom jew l-użu maħsub speċifiku ta' dawk il-basktijiet filwaqt li jitqies kwalunkwe effett ta' sostituzzjoni negattivi possibbli.
- (13) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jeżentaw basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta' inqas minn 15 mikroni ("basktijiet tal-plastik ħfief ħafna") pprovduti bħala imballaġġ primarju tal-ikel sfuż meta jkun meħtieġ għall-finijiet ta' iġjene jew meta l-użu tagħhom iġhin il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel.
- (14) L-Istati Membri jistgħu liberalment jużaw id-dħul iġġenerat minn miżuri meħuda skont id-Direttiva 94/62/KE biex jiksbu tnaqqis sostnut fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief.
- (15) Programmi ta' sensibilizzazzjoni għall-konsumaturi iġġenerali u programmi edukattivi għat-tfal jista' jkollhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik.
- (16) L-Istandard Ewropew EN 13432 dwar "Rekwiżiti għal imballaġġ irkuprabli permezz ta kompostjar u bijodegradazzjoni — Skema ta' test u kriterji ta' evalwazzjoni għall-aċċettazzjoni finali tal-imballaġġ" jistipula l-karatteristiċi li materjal għandu jkollu sabiex jiġi kkunsidrat "kompostabbli", jiġifieri li jista' jiġi riċiklat permezz ta' proċess ta' rkupru organiku magħmul minn kompostjar u diġestjoni anerobika. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni biex jżviluppa standard separat għal imballaġġ kompostabbli flivell domestiku.
- (17) Hu importanti li jiġi żgurati ir-rikonossiment fl-Unjoni kollha tat-tikketti jew il-marki għal basktijiet tal-plastik bijogradabbli u kompostabbli.
- (18) Xi basktijiet tal-plastik huma mmarkati bħala "ossobijodegradabbli" jew "ossodegradabbli" mill-manifatturi tagħhom. F'tali basktijiet, l-addittivi huma inkorporati fi plastiks konvenzjonali. Minħabba l-preżenza ta' dawk l-addittivi, il-plastik jifframenta f'partiċelli żgħar maż-żmien, li jibqgħu fl-ambjent. B'hekk ir-referenza għal tali basktijiet bħala "bijodegradabbli" tista' tkun qarrieqa minħabba li dawn jistgħu ma jkunux soluzzjoni għall-iskart u jistgħu, għall-kuntrarju, iżidu t-tniġġis. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-impatt tal-użu ta' basktijiet tal-plastik ossodegradabbli fuq l-ambjent u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inkluż, jekk adatt, sett ta' miżuri li jillimitaw il-konsum tagħhom jew biex inaqqsu kwalunkwe impatt ta' ħsara.

⁽¹⁾ Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

- (19) Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jitnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik għandhom iwasslu għal tnaqqis sostnut fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief u ma għandhomx iwasslu għal żieda ġenerali fil-ġenerazzjoni tal-imballaġġ.
- (20) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma konsistenti mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi u għandhom jikkontribwixxu għal azzjonijiet kontra l-iskart marin, imwettqa f'konformità mad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (21) Id-Direttiva 94/62/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 94/62/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

- “1a. ‘plastik’ għandha tfisser polimer fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), li miegħu jistgħu jkunu żdiedu addittivi jew sustanzi oħra, u li kapaċi jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-basktijiet;
- 1b. ‘basktijiet tal-plastik’ għandha tfisser basktijiet bil- jew mingħajr widna, magħmula mill-plastik, li huma fornuti lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ ta’ oġġetti jew prodotti;
- 1c. ‘basktijiet tal-plastik ħfief’ għandha tfisser basktijiet tal-plastik [...] bi ħxuna ta’ inqas minn 50 mikroni [...];
- 1d. ‘basktijiet tal-plastik ħfief ħafna’ għandha tfisser basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta’ inqas minn 15 mikroni u li huma meħtieġa għal skopijiet ta’ iġjene jew ipprovduti bħala imballaġġ primarju għal ikel sfuż meta dan jgħin il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel;
- 2e. ‘basktijiet tal-plastik ossodegradabbli’ għandha tfisser basktijiet tal-plastik magħmula minn materjali tal-plastik li jinkludu addittivi li jikkatalizzaw il-frammentazzjoni tal-materjal tal-plastik f'mikroframmenti.

(*) Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).”.

(2) Fl-Artikolu 4, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiksbu tnaqqis sostnut fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief fit-territorju tagħhom [...].

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-użu ta’ miri ta’ tnaqqis nazzjonali, li jżommu jew jintroduċu strumenti ekonomiċi kif ukoll restrizzjonijiet kummerċjali b’deroga mill-Artikolu 18, dment li dawn ir-restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji.

Tali miżuri jistgħu jvarjaw skont l-impatt ambjentali tal-basktijiet tal-plastik ħfief meta dawn jiġu rkuprati jew mormija, il-proprjetajiet ta’ kompostjar tagħhom, it-tul ta’ żmien jew l-użu maħsub speċifiku.

Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri għandhom jinkludu waħda minn jew it-tnejn li ġejjin:

- (a) l-adozzjoni ta’ miżuri li jiżguraw li l-livell ta’ konsum annwali ma jeċċedix 90 basket tal-plastik ħfief kull persuna sal-31 ta’ Diċembru 2019 u 40 basket tal-plastik ħfief kull persuna sal-31 ta’ Diċembru 2025, jew miri ekwivalenti stabbiliti bil-piż. Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jistgħu jiġu esklużi minn objettivi nazzjonali tal-konsum;
- (b) l-adozzjoni ta’ strumenti li jiżguraw li, sal-31 ta’ Diċembru 2018, il-basktijiet tal-plastik ħfief ma jingħatawx mingħajr ħlas fil-punt tal-bejgħ tal-oġġetti jew tal-prodotti, ħlief jekk jiġu implimentati strumenti effettivi b’mod ekwivalenti. Il-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jistgħu jiġu esklużi minn dawn il-miżuri.

⁽¹⁾ Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

Mis-27 ta' Mejju 2018 l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief meta jipprovdu dejta lill-Kummissjoni dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ f'konformità mal-Artikolu 12.

Sas-27 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief kull persuna u li jadatta l-formati adottati taħt l-Artikolu 12(3). Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(2).

1b. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri bħal strumenti ekonomiċi u miri ta' tnaqqis nazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe tip ta' basket tal-plastik, irrispettivament mill-ħxuna tagħhom.

1c. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, tal-inqas matul l-ewwel sena wara s-27 ta' Novembru 2016, jinkoraġġixxu b'mod attiv kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni pubbliċi dwar l-impatt ambjentali negattiv tal-użu eċċessiv ta' basktijiet tal-plastik ħfief.”.

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 8a

Miżuri speċifiċi għal basktijiet tal-plastik bijodegradabbli u kompostabbli

Sas-27 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tat-tikketti jew il-marki biex jiġi żgurat rikonoxximent fl-Unjoni kollha tal-basktijiet tal-plastik bijodegradabbli jew kompostabbli u biex il-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni korretta dwar il-proprjetajiet ta' kompostjar ta' dawn il-basktijiet. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(2).

Mhux iktar tard minn tmintax-il xahar wara l-adozzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li basktijiet tal-plastik bijodegradabbli jew kompostabbli jkunu ttikkettjati skont l-ispeċifikazzjonijiet provduti f'dak l-att ta' implimentazzjoni.”.

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 20a

Rapport dwar basktijiet tal-plastik ħfief

1. Sas-27 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-effettività tal-miżuri fl-Artikolu 4(1a) fil-livell tal-Unjoni, fil-ġlieda kontra l-iskart, il-bidla fl-imġiba tal-konsumatur u biex tiġi promossa l-prevenzjoni tal-iskart. Jekk il-valutazzjoni turi li l-miżuri adottati mhumiex effettivi, il-Kummissjoni għandha teżamina modi possibbli oħra biex jinkiseb it- tnaqqis fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, inkluż l-istabbiliment ta' miri realistiċi u li jistgħu jinkisbu fil-livell tal-Unjoni, u tippreżenta proposta leġiżlattiva, jekk xieraq.

2. Sas-27 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jeżamina l-impatt tal-użu ta' basktijiet tal-plastik ossodegradabbli fuq l-ambjent u tippreżenta proposta leġiżlattiva, jekk xieraq.

3. Sas-27 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatti ta' possibbiltajiet differenti għat-tnaqqis tal-konsum ta' basktijiet tal-plastik ħfief ħafna, u tippreżenta proposta leġiżlattiva jekk adatt.”.

(5) Fl-Artikolu 22(3a), l-ewwel subparagrafu, għandu jiġi sostitwit kif ġej:

“3a. Dment li l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-Artikolu 6 jintlaħqu, l-Istati Membri jistgħu jittrasponu d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4(1a) u 7 permezz ta' ftehimiet bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-setturi ekonomiċi konċernati.”.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-27 ta' Novembru 2016. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburg, id-29 ta' April 2015.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

Z. KALNIŃA-LUKAŠEVICA
